Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-22 ta' Jannar 2024**

**Distrett Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Priscilla Caruana Lee)**

**Versus**

**Niko Zammit**
**(170193M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Niko Zammit** iben Ruth Zammit, residenti gewwa 31, Flat 18, Triq l-Iljun, il-Furjana, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 170193M.

Akkuzat talli nhar il-15 ta' Marzu 2021 ghall-habta ta' 08:40hrs, gewwa Triq Sarria, il-Furjana :

1. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338(dd), Kap 9).

2. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Rpc 3005 P. Bonnici nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95, Kap 9).

3. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' Pc 62 N. Zahra, Rpc 3005 P. Zahra u Rpc 3179 R. Frendo nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun

ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi (Art. 338(ee), Kap 9).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat (Art. 412C(1)(2), Kap. 9).

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2022, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 95 u 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Niko Zammit hati** ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal

**hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€ 800)**, liema multa ghandha tigi mhallsa fl-intier taghha fi zmien sitt (6) xhur millum.

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati **Niko Zammit b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **sentejn (2)** millum ghall-**protezzjoni ta' RPC 3005 Patrick Bonnici**. Il-Qorti fissret lil hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digriet anness lil Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**